



2025/56

13.1.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/56

tas-7 ta' Jannar 2025

li jerġa' jiftaħ is-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza, billi jħassar ir-Regolament (UE) 2024/2870

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2024.
- (2) Fl-10 ta' Ottubru 2024, skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, Franza għarrfet lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tipprojbixxi s-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 mis-26 ta' Lulju 2024.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/2870 ⁽³⁾ jipprojbixxi s-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza.
- (4) Skont l-informazzjoni li waslet lill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2024 mill-awtoritajiet Franċiżi, għadha disponibbli kwantità għal Franza għall-kwota għal dak l-istokk. B'konsegwenza ta' dan, is-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza jew irreġistrati fiha, jenħtieġ li jinfetaħ sakemm jiġi indikat mod ieħor.
- (5) Dak il-ftuħ mill-ġdid tas-sajd jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Novembru 2024 sabiex il-kwantità tal-bakkaljaw inkwistjoni tkun tista' tinqabad qabel tmiem is-sena attwali.
- (6) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2024/2870 jenħtieġ li jitħassar b'effett mis-7 ta' Novembru 2024.
- (7) Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju taċ-ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li l-kwota għadha disponibbli mill-ġdid għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 għall-istaġun tas-sajd 2024 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza jew irreġistrati fiha, imsemmi fl-Anness, jinfetaħ mill-ġdid.

Ir-Regolament (UE) 2024/2870 jitħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/2870 tas-6 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża (ĠU L, 2024/2870, 11.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2870/oj>).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Għandu japplika mis-7 ta' Novembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2025.

*Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
Costas KADIS
Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX

Nru	25/TQ257 – Ftuħ mill-ġdid
Stat Membru	Franza
Stokk	COD/1N2AB.
Speċi	Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>)
Żona	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2
Data tal-ġheluq	Is-26 ta' Lulju 2024
Data tal-ftuħ mill-ġdid	Is-7 ta' Novembru 2024